**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 237 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Spettur Wayne Camilleri**

**Vs**

**Kevin Agius**

Illum 5 t' Awwissu 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Kevin Agius residenti 103, Stardust, Triq il-Kampanella, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' numru 352184 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar il-11 ta' Diċembru 2021:

(1) Meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex jagħti l-aċċess lil Maria Agius għal uliedhom, irrifjuta li jagħmel hekk mingħajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar id-9 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (11) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta:

Sabet illi l-imputat Kevin Agius hati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tieghu u konsegwentement illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat ieħor fi żmien sena (1) millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-hati li kkonferma li fehem l-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Kevin Agius minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minn kull piena u htija skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:

1. **L-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dana stante li minn tali provi jirrizulta ampjament u manifestament car li tezisti raguni valida u gusta ghaliex l-access ma setax jigi ezercitat f' konformita ezatti mad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja**

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-artikolu relevanti tal-Kodici Kriminali, u cioe Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li tieghu l-appellant nstab hati jghid testwalent hekk:

*"meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk* ***mingħajr raġuni xierqa****"*

Illi ghalhekk jirrizulta minn tali artikolu illi element krucjali u importanti li jehtieg jigi ppruvat f' kawzi ta' dina x-xorta huwa l-fatt li l-access jigi rrifjutat **minghajr raguni xierqa u/jew gusta**. Huwa meta dan l-element jigi ppruvat skond il-grad rikjest mil-ligi f' kawzi kriminali, u cioe lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi tali reat jista' effettivament jissussisti u jirrizulta. Fin-nuqqas ta' dan, ghandu dejjem ikun hemm il-liberatorja.

Mill-provi kif prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jirrizulta illi t-tifel minuri Kylen li jghix u jirrisjedi mal-appellant missier, nibet imhabba kbira ghal-loghba tal-*football* u dan anke sforz is-sagrificcji li ghamel b' mod genwin u b' lealta l-istess appellant missier – loghba illi certament taghmel biss gid fit-tifel minuri, kemm mill-aspett fiziku u anke mill-aspett socjali, emozzjonali u mentali ghaliex it-tifel apparti li jkun qieghed jitghallem dixxiplina sportiva, ikun qieghed jitghallem valuri socjali importanti filwaqt li jissocjalizza ma' shabu tfal minuri.

Illi irrizulta wkoll mill-provi prodotti li t-tahrig tal-*football* tat-tifel minuri Kylen, fid-data tal-allegat akkadut kien skedat fil-gurnata tas-Sibt, incidentalment f' hin li jikkunfliggi mal-hin tal-access tal-kwerelanta omm. Naturalment, kif diga gie spjegat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u kif ormai huwa logiku, tali skedar tat-tahrig jmur lil hinn mir-rieda tal-appellant missier izda jigi ffissat biss mill-istituzzjoni sportiva li fiha jappartjeni l-minuri Kylen.

L-appellant, in vista ta' kemm it-tifel minuri Kylen ihobb l-loghba tal-*football* u in vista wkoll tal-gid kbir illi tali *sport* ihalli fuq it-tifel minuri, b' mod naturali u purament ghaliex ghandu l-interessi supremi tat-tifel minuri f' qalbu, talab lill-kwerelanta omm sabiex dakinhar tal-allegat akkadut tmur tara lit-tifel minuri jipprattika l-loghba li tant ihobb u minn hemm imbghad tibda tezercita l-access mal-istess tifel. B' hekk il-minuri ma jigix mcahhad sfaccatament u ingustament minn dak illi verament ihobb u dak illi verament ihalli impatt pozittiv fuqu!!

Illi madanakollu mill-provi kif prodotti, rrizulta ampjament u manifestament car illi l-kwerelanta ma tikkondividix mal-hsieb tal-appellant u b' sens ta' pika u egoizmu biss, insistiet li l-access jigi ezercitat skond id-digriet, anke jekk din kienet ben konxja u ben infurmata li t-tifel dak il-hin ikun qieghed jipprattika l-loghba li tant ihobb!!

Illi ironikament, u hawnhekk johrog s-sens ta' pika u egoizmu sfrenat da parte tal-kwerelanta omm, l-kwerelanta sahqet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi hi ma marritx tara u eventwalment tigbor lit-tifel minuri mill-*ground* tal-*football* ghaliex skonta, ma riditx illi tikser u/jew tmur kontra d-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja li jistupula li l-access ghandu jigi ezercitat minn quddiem l-Ghassa tal-Pulizija!

Madanakollu, wiehed ghandu jifhem illi biss bi zvista ironika hafna, l-kwerelanta omm waqghet hi stess il-maskra taghha ghaliex fl-istess nifs u fl-istess xhieda rrimarkat lill-Ewwel Onorabbli Qorti illi hi kienet lesta li twassal lit-tifel minuri hi ghat-tahrig tal-*football* barra mill-hin tal-access kif degretata mill-Onorabbli Qorti tal-Familja – u allura hawnhekk wiehed b' mod logiku u naturali jistaqsi:

**Huwa minnu li l-kwerelanta l-preokkupazzjoni ewlenija taghha kienet li tikser id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja jew nkella din kienet biss**

**skuza fahxija sabiex hi tkun tista' tkompli timpika u tivvendika mal-appellant missier ghad-detriment u konsegwenzi tat-tifel minuri Kylen u l-aqwa interessi tieghu?!!!**

Certament illi mit-testimonjanza taghha stess u mill-inkonsistenzi surreferiti, jirrizulta ampjament u manifestament car li l-kwerelanta kienet qieghda tinqieghda biss bid-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja biex timpika mal-appellant missier – bil-konsegwenzi ewlenin jispicca jbatihom hadd hlief t-tifel minuri!!

Anke li kieku ghall-grazzja tal-argument biss l-kwerelanta ma nqlitx f' zejta stess fit-testimonjanza taghha kif hawn fuq spjegat, x' kienet ser titlef il-kwerelanta billi tmur isegwi, tinkoraggixxi u taghti s-sapport taghha lil binha minuri l-*ground* tal-*football* u cioe fil-post fejn it-tifel minuri verament jeccella u jhossu tassew kuntent u ferhan?!!

L-appellant ihossu tassew aggravat ghalhekk bid-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti ghaliex effettivament il-messagg li gie konferit minn tali decizjoni huwa li l-pika u l-egoizmu tal-kwerelanta jirbhu u jghaddu romblu minn fuq l-aqwa interessi tat-tifel minuri Kylen. Dan ghaliex sabiex ma tigix ipprivata mill-access l-kwerelanta ghal ftit hin, allura ghandu jigi pprivat t-tifel minuri milli jezercita id-delizzju u l-isport li verament ihobb u li verament jghieghlu jesprimi ruhu!

Huwa ferm aktar aggravanti l-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet fis-sentenza taghha li l-appellant mhuwiex jobdi d-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti "*bl-iskuza tal-futbol tat-tifel li jibda fl-istess hin.*" L-appellant hawnhekk genwinament jistaqsi, jekk dak illi effettivament qieghda tghid u/jew tissugerixxi l-Ewwel Onorabbli Qorti huwiex li t-tifel jigi mcahhad minn dak li verament ihobb u dak li verament ser jghinu l-izvillup mentali, socjali,

emozzjonali u fiziku tieghu purament biss sabiex tkun komda l-kwerelanta omma li jimpurtaha biss mill-pika u l-vendikazzjonijiet lejn l-appellant u xejn iktar!

Wara kollox hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq omm illi ma ddejqet xejn tabdika mir-responsabbilitajiet ta' genitur ghal aktar minn seba' xhur shah, b' abbandun sfaccat lejn binha minuri u lejn il-progress socjali, emozzjonali u mentali tieghu!

L-appellant ghalhekk umilment jistaqsi: X' sens jaghmel illi dak il-progress li rnexxilu jibni f' hajtu t-tifel tramite l-isport li tant ihobb u tant jghinu, nhottuh ghaliex nkella jitharbat l-access tal-omm? L-appellant jistaqsi wkoll jekk f' dan kollu huwiex qieghed jigi mhares l-aqwa interess tat-tifel minuri jew nkella qieghedx jigi agivelot l-agir impikkant tal-kwerelanta omm, a skapitu biss tal-interessi tat-tifel minuri?

L-appellant jissottometti bil-forza kollha illi jekk il-*football* ghall-Ewwel Onorabbli Qorti huwa biss skuza, ghalih dan mhuwiex minnu ghaliex l-*football* huwa l-veikola u c-cavetta tal-kuntentizza tat-tifel minuri Kylen u huwa wkoll mezz ta' kif it-tifel jtejjeb il-hiliet tieghu mhux biss fuq livell kalcistiku izda anke fuq livell socjali u emozzjonali!!

Ghaldaqstant, l-appellant jishaq illi mill-provi kif prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, rrizulta ampjament u manifestament car illi l-element centrali u krucjali sabiex ikun ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-ragun r-reat li bih jinsab akkuzat huwa mankanti u nieqes. Fil-mument illi gie pprovat li kienet tezisti raguni valida, gusta u xierqa ghaliex l-access ma giex ezercitat fis-sens strett indikat fid-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja, r-reat taht l-artikolu 338 (ll) ma seta qatt jissussisti u jirrizulta.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2022.

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-ewwel lok u dan b'referenza ghar-rikors tal-25 ta' Lulju 2022 fejn ir-rikorrenti qed jitlob li jipprezenta dokument mahrug minn Pieta Hotspurs FC Nursery datat 14 ta' Mejju 2022 din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raguni valida fil-ligi 'l ghala ghandha tawtorizza l-prezentata ta' l-istess stante li r-rikorrenti Kevin Agius kien jaf jew almenu messu kien jaf bit-training li kellu ibnu minuri Kylen Agius u ghahekk dan mhux xi dokument li ma setax jigi esebit quddiem l-ewwel Qorti konsegwentement din il-Qorti tiddikjara li ma hix ser taccetta l-prezentata ta' dan id-dokument u sejra ma tiehux konjizzjoni tieghu.

Dwar il-mertu tal-appell jinghad fl-ewwl lok li l-ewwel aggravju tar-rikorrenti hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dana stante li minn tali provi jirrizulta ampjament u manifestament car li tezisti raguni valida u gusta ghaliex l-access ma setax jigi ezercitat f'konformita ezatti mad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja.

Illi huwa ormai principju assodat li din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fissentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta** vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din ilQorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni flapprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti

---

2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004**; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace,** 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u r**-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-**Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-**Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[2].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[3].

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta -mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi ghalhekk qabel xejn din il-Qorti trid tezamina l-provi prodotti mill-partijiet sabiex tara liema versjoni hija l-iktar kredibbli.

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, Ir**-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo,** 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar,** 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace,** 31 ta' Mejju 1991**; Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991

L-appellant huwa mputat bil-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min:-

> *"meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa";*

Illi minn dan is-subartikolu huwa minnufih evidenti illi kontra bosta mill-kontravvenzjonijiet ipotizzati f'dan l-artikolu u kontra n-natura li ssawwar il-kontravvenzjoni, dik hawn kontemplata tammetti d-difiza tal-intenzjoni ossia n-nuqqas taghha fil-kommissjoni tar-reat u dan billi taghti lill-imputat jew imputata l-possibilita' li tipprova li kellha raguni ghaliex ma timxix mal-ordni tal-qorti jew mal-obbligu kontrattwali.

Jokkorri ghalhekk li jkunu ezaminati l-provi mressqa ghal-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti. Mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' din il-kawza li nstemghet flimkien ma' tnejn ohra, appelli numru 238/2022 u 239/2022 jemergi illi Kevin Agius permezz ta' digriet datat 15 ta' Novembru, 2021 esebit fl-atti a dol. 13 markat bhala dok MA hemm regolat l-access li ghandu l-appellant fil-konfront ta' ibnu minuri.

In fatti jirrizulta li l-*access ikun nhar ta' Tlieta u Hamis minn wara il-hin ta l-iskola sas -6.00p.m. Dan billi l-omm tigbor il-minuri mill-iskola u l-missiser jigbor il-minuri minghand l-omm fis-6.00p.m quddiem ghassa tal-ghazla tal-omm vicin il-lokalita taghha. Il-Qorti provdiet ukoll li f'kaz li f'dwn il-granet, il-mminur ma jkollux skola, l-omm ghandha tigbor lill-minuri fis-2.00p.m quddiem l-ghassa tal-ghazla tal-misier vicin il-lokalita tieghu. Il-missier jigbor lill-minuri minghand l-omm fis-6.00p.m quddiem l-ghassa tal-ghazla tal-omm vicin il-lokalita taghha xorta wahda . L-omm u l-minuri ikollhom access ukoll nhar ta Sibt mi-10.00a.m sal-4.00. Dan billi l-omm tigbor lill-minuri fl – 10.00a.m quddiem l-ghassa tal-pulizija tal-ghazla tal-missier vicin il-lokalita*

*tieghu u l-missier jigbir il-minuri fl-ahhar fl-4.00p.m quddiem l-ghassa tal-ghazla tal-omm vicin il-lokalita taghha*

Issa l-kwerelanti **Maria Agius** xehdet nhar il-31 ta' Jannar 2022 [4] u din ikkonfermat li hija ghandha tifel minuri ta' hames snin minghand zewghha l-appellant. Spjegat illi kienet ghamlet tlett rapporti kontra l-appellat dwar il-kwistjoni ta' nuqqas ta' access ghat-tifel. Hija prezentata id-digriet relevanti tal-Qorti li gie markat bhala dok MA. Qalet li hija ghandha access kull nhar ta' Tlieta, Hamis u Sibt. It-Tlieta u l-Hamis mis-2.00pm sas-6.00p.m u is-Sibt mill-10.00 sal.4.00p.m.

Tghid li bhas-soltu marret hdejn l-ghassa tal-pulizija tal-Msida fl-10.00 a.m biex tigbor it-tifel u l-appellant ma hax it-tifel u ghalhekk baghtitlu messagg. Fl-10.20 baghtilha messagg u qalilha biex tigbru wara t-training u dan ghaliex qallha li kellu t-training. Hija infurmatu li kienet ser tghamel rapport l-ghassa. U fil-fatt hekk ghamlet. Fl-4 ta' Dicembru regghet baghtitlu messagg ghaliex dejjem tibghatlu biex tavzah li tkun hemmhekk u ma gabx it-tifel u l-istess qallha biex tmur tigbru mit-training u regghet dahlet l-ghassa u ghamlet rapport. Dan rega sehh fil-11 ta' Dicembru, 2021. Dan sar kull nhar ta' Sibt. Spjegat li l-iskuza tieghu kienet li ma kienx qed johodulha minhabba li ghandu training tal-football. Hija qalet li kienet lesta li tigbru u tiehdu hi t-training u meta issuggerietlu hekk, kien jghidilha le " ghaliex il-Magistrata qaltilha biex tigbru minn wara t-training".

Wara hija pprezentat rikors iehor quddiem il-Qorti tal-Familja (dok MA 1 esebit a fol. 16) u b'digriet moghti fis-17 ta' Dicembru, 2021 esebit fl-atti l-Qorti laqghet it-talba u ordnat in-notifika lil kontro-parti u kollox baqa' l-istess. Mistoqsja jekk kienitx taf li t-tifel ghandu t-training, tghid li kienet taf izda cio nonostante qalet li kellha timxi skond id-digriet tal-Qorti.

[4] Fol. 3 tal-atti

Rat l-affidavit esebit fl-atti a fol. 33 rilaxxjat minn **PS 2118 Clarissa Scerri** fejn din ikkonfermat li nhar il-11 ta' Dicembru, 2021 ghall-habta tal-10.15 il-kwerelanti Maria Agius kienet irrikorriet l-ghassa fejn stqarret li fl-imsemmija data kien imissha l-acccess tat-tifel taghhom Kylan Agius pero l-ex ragel taghha certu Kevin Agius ma onorax id-digriet. Spjegat li d-digriet jghid li l-appellant kellu igib it-tifel minuri Kylan gewwa l-ghassa tal-Msida u jmur ghalih fl-16.00p.m gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug. Dakinhar l-appellant naqas li jghamel dan u ghalhekk mar kontra d-digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja digriet numru 279/2021 datat 15 ta' Novembru, 2021. Hija ghamlet kuntatt ma Kevin Agius fuq il-mobile tieghu u meta gie mistoqsi ghaliex ma kienx ha t-tifel l-ghassa dan qallha li kellu tahrig il-Pieta mill-10.45 sat-12.15 p.m u li ommu kellha tigbru minn hemm.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 36 et seq mehuda minn PC 2118 Clarissa Scerri fejn hemm konferma dwar ir-rapport li ghamlet il-kwerelanti Maria Agius nhar il-11 ta' Dicembru, 2021.

Rat ix-xhieda moghtija minn l-**appellant Kevin Agius** nhar il-31 ta' Jannar 2022 u spjega li kien irregistra lit-tifel ghat-training mal-Pieta. Stqarr li b'referenza ghal dak in-nhar meta huwa ma hax it-tifel l-ghassa dan m'ghamlux ghaliex ma riedx lill-kwerelanti tara lil binha izda ghaliex it-tifel dak il-hin ikun training. Jghid li huwa kien informa lill-Imhallef bil-fomm dwar it-training tat-tifel u jghid li din qaltlu li l-kwerelanti kellha tigbru wara t-training hi stess. Huwa pero rikors m'ghamilx ghat-tibdil fil-hin, ghamel biss talba verbali. Jaqbel ma dak li gie suggerit lilu li meta kienet iccempillu l-pulizija u titolbu jiehu t-tifel l-ghassa dan kien jghidilha li ikun training u li l-kwerelanti setghet tmur tigbru mit-training. Huwa ma kienx qed jichad li ma tax access lill-kwerelanti fil-11 ta' Dicembru 2021 izda fil-fehma tieghu kellu raguni valida u cioe ghaliex kien ha lil binhom ghat-training.

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu 338 (ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta in dizamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' xi kundizzjoni f'digriet ta' access; dak li hu penalizzat b'din id-disposizzjoni huwa **biss** in-nuqqas, minghajr raguni xierqa, li wiehed jaghti access meta, fost sitwazzjonijiet ohra, jkun gie ordnat li jaghti dak l-access. Il-Qorti ma teskludix il-possibilita` li digriet ta' access ikun redatt f'termini li jkun jordna liz-zewg genituri li jaghtu reciprokament lil xulxin access (bhal, per ezempju, jekk ikun hemm "joint custody" tal-minuri); izda fil-kaz de quo id-digriet tal-Qorti tal-Familja tal-15 ta' Novembru 2021 (fol. 19) ma jistax hlief jigi interpretat li kien l-appellant Kevin Agius (li kellu l-kustodja) li kien qed jigi ordnat li jaghti access lil Maria Agius. Ghalhekk jinghad li b'dak li ghamel l-appellant, huwa kiser id-disposizzjoni tal-Artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali meta iddecieda li jakkompanja lit-tifel ghat-training flok ma jiehdu l-ghassa biex jingabar minn ommu kif ordnat mill-Qorti.

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti ma hiex tal-fehma li r-ragunijiet migjuba quddiemha mill-appellant b'xi mod jiggustifkaw in- nuqqas da parte tieghu li jaghti access lill-kwerelanti ta' binhom fil-jum in kwistjoni. Id-digriet regolatur kien ghadu wiehed validu fejn allura l-appellant kellu jaccerta ruhu li meta ibnu jkun imissu ma ommu, huwa jkun disponibbli ghalhekk li jitwassal l-ghassa tal-ghazla tal-appellant sabiex jinghata lill-omm. Huwa evidenti li l-omm setghet takkompanja hi stess lit-tifel ghat-training. Dan kollu huwa pika bejn il-partijiet u huwa il-minuri li qed isofri minn dan l-agir irresponsabbli tal-appellant. Jekk l-appellant jinsisti li iwassal lill-ibnu ghat-training irid l-ewwel nett igib varjazzjoni fid-digriet tal-Qorti u mhux jaqbad u jiehu decizjoni li tkun kontra dak li gie deciz u ordnat mill-qorti.

L-appellant irid, jghogbu jew le ibaxxi rasu ghall-Ordnijiet tal-Qorti liema ordnijiet jinghataw fl-interess tal-minuri.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fil-mertu kif ukoll fir-rigward il-piena moghtija.

(Ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur